KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 72

**L-Erbgħa 10 ta' Jannar 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel John Attard ppresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiza sabiex titkompla l-laqgħa tal-lokalità li bdiet fis-6:00pm.

Il-laqgħa tal-Kunsill reġgħet ingħatat bidu t fis-7:10pm.

## 71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

71.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

71.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

71.2.2 Il-Viċi Sindku propona li dawn jiġu approvati filwaqt l-Kunsillier Mifsud ssekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 71.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

71.3.1 Is-Sindku informa li l-Awtorità tad-Djar ma tantx dehru favur li l-binja li qegħda mikrija lill-Motor Sport Association ma tibqax responsabbiltà tagħhom. Għaldaqstant f'isem il-Kunsill kien qabel mal-MSA li din tibqa' responsabbiltà tagħhom però se jagħtu fakultà lil-Kunsill sabiex jagħmel uzu minn partijiet minnha bħala *store*.

71.3.2 Is-Sindku informa li kienet saret l-ikla tal-komunità u għaliha kienu attendew mat-80 persuna.

71.3.3 Is-Sindku informa li kien fadal tliet attivitajiet ohra tal-Milied xi jsiru.

## 71.4 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv

71.4.1 Is-SE infurmat li kienet iċċirkolat kopja tar-rapport amministrattiv lill-Kunsilliera minn qabel u għaldaqstant dan seta' jitqies bħala moqri.

71.4.2 Il-Kunsill approva r-rapport b'mod unanimu.

## 71.5 Ċirkulari 34/2017 – Allokazzjoni Finanzjarja għal 2018

71.5.1 Is-SE infurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien għadda ċirkulari lill-Kunsilli bl-ammonti varji tal-allokazzjoni finanzjarja.

71.5.2 Is-SE infurmat li għas-sena 2018 l-allokazzjoni għall-Kunsill Lokali tal-Imtarfa kienet zdiedet għal €264,963, jiġifieri €10,889 aktar mis-sena ta' qabel.

## 71.6 Rapport tekniku u legali rigwardanti l-bosk tal-Imtarfa

71.6.1 Is-SE infurmat li l-Perit tal-Kunsill kien marid u għaldaqstant kienet għadha ma saritx il-laqgħa miegħu fir-rigward tal-ħsarat li rrizultaw fil-bosk.

## 71.7 Xogħlijiet infrastrutturali u *refurbishment* fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill

71.7.1 Is-SE infurmat li l-offerta għax-xogħlijiet ta' *refurbishment* fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill kienet tagħlaq nhar it-Tnejn li ġej u għaldaqstant kienet se tipprova tlaħħaq biex din tiġi evalwata u aġġudikata waqt il-laqgħa li jmiss f'Jannar 2018. Għall-mistoqsija tas-SE il-Kunsill qabel li l-bord tal-evalwazzjoni jkun bħal tas-soltu, jiġifieri li dan ikun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Fenech, is-SE u l-uffiċjal ezekuttiv.

71.7.2 Sadanittant, minħabba li kien hemm vot għal xiri ta' *cabinetry* għas-sena 2017 u li ma ntuzax kollu, is-SE talbet lill-Kunsill sabiex minn dan il-vot jinxtraw zewġ *cupboards* li ma jiswewx aktar mid-*direct order* biex jintuzaw bħala *storage* għall-files għaliex bħalissa jezisti biss xkaffar mikxuf u li mhux sod bizzejjed għal ċertu toqol.

71.7.3 Hawnhekk skuzat ruħha l-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien is-7:35pm.

71.7.4 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tinxtara xi għamara għall-uffiċini.

## 71.8 *Qualifications Allowance* għall-Uffiċjal Ezekuttiv

71.8.1 Is-SE infurmat li l-Uffiċjal Ezekuttiv kienet talbet li tingħata *allowance* wara li gradwat bħala qarrejja tal-provi fil-Malti u għaldaqstant ladarba dan kien rilevanti għax-xogħol tagħha, irrakkomandat li dan jingħata. Kopja tal-ittra tinsab mehmuza.

71.8.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 71.9 Talba għall-akkumular ta' *vacation leave* għall-Uffiċjal Ezekuttiv

71.9.1 Is-SE infurmat li l-Uffiċjal Ezekuttiv kienet għamlet talba biex tmexxi 48 sigħat mis-sena 2017 għall-bidu tas-sena 2018 minħabba li kienet se ssiefer. Min-naħa tagħha ma kellhiex oġġezzjoni sakemm jintuzaw kollha qabel jispiċċa x-xahar ta' Jannar. Kopja tal-ittra tinsab mehmuza.

71.9.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 71.10 Diskussjoni dwar il-baġit 2018

71.10.1 Is-SE iċċikolat kopja ta' baġit provizorju (*draft*) sabiex jiġi diskuss waqt il-laqgħa, ladarba kienet ukoll għaddiet il-laqgħa tal-lokalità. Minħabba li bi zball instab li ma kinitx il-kopja aġġornata, hija infurmat lill-Kunsill li kienet se tgħaddi kopja tajba permezz tal-email sabiex terġa' ssir id-diskussjoni u jekk ikun hemm qbil jiġi approvat.

71.10.2 Hawnhekk skuza ruħu l-Viċi Sindku. Il-ħin kien it-7:45pm.

## 71.11 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

71.11.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li nhar l-Erbgħa 20 ta' Diċembru kien se jsir l-iffirmar tal-ftehim tal-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq.

## 71.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

71.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 71.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

71.13.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:05pm u ġiet aġġornata għall-**Ħamis 14 ta' Diċembru** 2017 fis-7:30pm.

Konfermati, illum **17 ta' Jannar 2018.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |